# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

***Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)***

---

**Illum l-10 ta' Diċembru 2019**

Appell numru 104 tal-2019

**Il-Pulizija**
**vs**
**Darren ELLUL u Paul Louis GAUCI**

Il-Qorti :

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-11 ta' Marzu 2019 fil-konfront ta' **Darren ELLUL u Paul Louis GAUCI** fejn ġew mixlija talli fis-27 ta' April 2016 u fix-xhur ta' qabel ġewwa l-istabbiliment SCOTT'S fi Triq Burmarrad, Burmarrad b'diversi atti magħmulin minnhom ukoll jekk fi żminijiet differenti, kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda ikkommettew serq ta' prodotti tal-laħam għad-dannu ta' Francis Zarb u/jew persuni oħra jew soċjetajiet oħra liema serq huwa kwalifikat bil-valur li huwa iżjed

minn €2329.27 u l-persuna skont l-artikoli 261(c)(d), 267, 268(a), 279(b) u 280(1) tal-Kodiċi Kriminali.

2. Permezz tas-sentenza aktar il-fuq imsemmija, dik il-Qorti iddeċidiet illi ma ssibx lill-imputati appellati ħatja tal-imputazzjoni kif miġjuba kontrihom u ħelsithom minn kull ħtija u piena għar-raġunijiet segwenti : -

   Illi inkwantu tal-grad tal-prova li l-prosekuzzjoni trid tilhaq f'dawn it-tip ta' proceduri fil-kawza bl-ismijiet Pulizija vs James Abela deciza mill-Qorti tal-Appell fil-hdax (11) ta' Lulju elfejn u tnejn (2002) gie ddikjarat is-segwenti
   ''*Inkwantu d-dottrina tar- ''res ipsa loquitur" timporta xi spostement tsl-oneru tal-prova, tali dottrina ma tista', qatt issib post fil-kamp penali. In kwantu, pero', b''res ipsa loquitur" wieħed jifhem biss li l-fatti - 'inkluzi provi indizjarji - "circumstantial evidence" - ikunu tali li l-gudikant ihossu moralment konvint li jista' jigbed certi konkluzzjonijiet minn dawk il-fatti, allura wiehed m'ghandux jitkellem dwar ''res ipsa loquitur" izda dwar dak li fid-dottrina Ingliza jissejhu ''presumptions of fact':... U mbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident.*
   *S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, iridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha il-gudikant ikun moralment konvint lill-hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat... hu dover tal-Qorti li tara jekk mill-assjem tal-provi cirkostanzjali jirrizultax b'mod li jkun sodisfatt il-konvinciment morali tal-gudikant sal-grad rikjest fil-process penali tirrizultax htija ta' sewqan ħazin".*

   Illi fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Superjuri bl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Angel sive Angelo Bajada datata l-hmistax (15) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgha (2009) gie ddikjarat illi:
   *L-assjem tal-provi kien tali li a bazi tieghu l-gurati setghu ragonevolment u b'konvinciment morali trankwil ghal-ahhar jaslu ghal-konkluzjoni la ma jemmnux dak li qed isostni l-apppellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment ghal-htija tieghu. L-indizji biex jaghmlu prova, jehtieg li jkunu univoci".*

   Illi guristi Inglizi bhal per ezempju Pollock C.B *(Criminal Evidence (3rd Edition)* [1995], *Richard May (Sweet and Maxwell Criminal Practice)* dahal fl-interpretazzjoni tal-apprezzament tal-prova cirkostanzjali u t-tifsira tal-univocita' u qal is-segwenti:
   ''*It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if anyone link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several*

*cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength.*

*Thus it may be in circumstantial evidence these may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of.*

IIli mhux kull prova cirkostanzjali hija ugwalment importanti u b'sahhitha. Ghandha tkun infatti d-diskrezzjoni tal-gudikant li jizen kull bicca ta' evidenza migjuba fil-proceduri biex tigi ghall-konkluzjoni jekk il-prosekuzzjoni ppruvatx il-kaz taghha oltre ddubju ragjonevoli. IIli huwa risaput illi bi provi cirkostanzjali wehidhom, f'certi kazijiet, jista' jkun hemm htija.

IlIi ghaldaqstant il-gudikant ghandu jkollu s-serhan tal-mohh li anke jekk ikollu prova cirkostanzjali wahda, dina ghandha tkun bizzejjed sabiex ikollu I-konvinzjoni morali u legali li kollox jindika li I-imputat ikkommetta dak id-delitt .

IlIi ma jiswa xejn li f'dan il-kaz l-imputati ammettew fl-istqarrija taghhom li verament kienu hadu xi affarijiet tal-laham minghajr ma kienu hallsu ghalihom izda peress i(li ma qalux kemm kien l-ammont ezatt u ma qalux il-perjodu ta' meta gara dan, mela allura kien jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex timla l-vojt bil-provi li ttressaq.

IlIi din il-Qorti tabbraccja perfettament l-insenjament moghti permezz ta' dawn is-sentenzi tal-Qorti tal-Appell ghaliex f'dan il-kaz, ma tistax tkun moralment konvinta li l-provi ndizzjarji prodotti jwasslu necessarjament li l-imputati huma hatja ta' serq skont I-akkuza kif postulata u taht l-Artikoli tal-Ligi kif indikati mill-Avukat Generali. Irid jinghad f'dan l-istadju illi din il-Qorti hija marbuta bl-Artikoli tal-Avukat Generali u jekk dawn ma gewx ippruvati ghandha tillibera lill-imputati.

F'dan l-istadju jridu jigu ccarati certi punti li fl-opinjoni ta' din il-Qorti ma gewx indirizzati mill-prosekuzzjoni fil-kaz taghha. Fl-ewwel lok u a rigward l-ammont tal-affarijiet allegatament misruqa, ma ngabitx l-ahjar prova tat-telf rejalment soffert mill-parte civile Francis Zarb. Kull ma gie esebit huwa ezercizzju li sar mill-parte civile stess (Dok. JFl) fejn intqal li dak kien l-ammont tal-affarijiet misruqa. Bir-rispett kollu dan huwa ezercizzju *ex parte* li ma giex ikkorraborat minn expert tal-Qorti u li tali ezercizzju ma huwiex car li juri verament l-oggetti allegatament misruqa u I-ammont taghhom.

Fit-tieni lok il-prosekuzzjoni ma gabitx l-ahjar prova a rigward il-filmat relattiv u cioe' dak li jidher huwa li l-imputati johorgu mill-istabbiliment b'xi basktijiet mimlija b'xi haga tul perjodu ta' zmien izda biex tingieb l-

ahjar prova ried jitqabbad espert tal-Qorti sabiex jidentifika l-perjodi nkriminanti u jaghmel *stills* sabiex *il-modus operandi* li fuqu bbazat ruhha l-prosekuzzjoni tigi kristallizzata u tali prova tkun aktar univoka.

IIli finalment u fit-tielet lok ma ngabux almenu provi fotografici tal-oggetti li nstabu fil-basktijiet (peress li dawn kienu oggetti tal-Iaham u ma setghux jigu esebiti l-Qorti) li kienu hergin bihom l-imputati nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' April elfejn u sittax (2016) u dan sabiex tohrog il-prova tal-identifikazzjoni tal-oggett tar-reat sabiex il-Oorti tkun tista' aktar tivvaluta l-ammont taghhom almenu f'dik id-data meta kkomparat mad-dokument JF2 u JF3.

Dawn in-nuqqasijiet kollha fl-opinjoni tal-Qorti jimmilataw favur l-imputati u ghalhekk il-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha bbazat fuq l-akkuza kif dedotta kontra l-imputati oltre d-dubju dettat mil-ligi.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputati Daren Ellul u Paul Louis Gauci hatja tal-akkuza kif dedotta kontrihom u konsegwentement tilliberhom minn kull htija u piena.

3. Permezz ta' rikors datat 9 t'April 2019, l-Avukat Ġenerali interpona appell minn din is-sentenza fejn talab li din tiġi mħasra u revokata u minflok l-appellati jiġu misjuba ħatja tal-imputazzjoni dedotta kontra tagħhom mill-prosekuzzjoni u li tinfliġġi l-piena skont il-Liġi. Dan għar-raġunijiet segwenti : -

Illi lura f'Marzu 2016, il-Pulizija rceviet rapport minghand Francis Zarb li hu sid ta' kumpannija bl-isem *Meat Point,* liema kumpannija tbieglf'prodotti tal-Iaharn u ghandha diversi *outlets* fl-istabbilimenti ta' *Scotts,* fosthom fl-istabbiliment li hemm gewwa Burmarrad.

Francis Zarb irraporta li kien qieghed ikun hemm serq ta' diversi prodotti tal-laham specifikarnent mill-istabbiliment ta' *l-iScotts* li jinsab gewwa Burmarrad. Hu spjega li kellu suspett li dan is-serq kien qieghed isir minn xi impjegati tieghu. Dan intebah b'dan I-allegat serq stante li kien qieghed ikollu diskrepanzi fil-qliegh f'dak li huwa bejgh tal-Iaharn u ammont kbir ta' laham nieqes.
IlIi *una volta* Francis Zarb intebah b'din id-diskrepanza, huwa ghammar *I-outlet* li kellu gewwa *l-iScotts* ta' Burmarrad *b 'cameras* ta' sorveljanza. Permezz ta' dawn *il-cameras* ta' sorveljanza, Francis Zarb innota agir suspettuz da parti da zewgt impjegati minn tieghu u cioe I-imputati Daren

Ellul u Paul Louis Gauci. Dan ghaliex huwa kien qieghed jinnota li, f'diversi istanzi meta l-appellati kienu jinzertaw xcghol, huma kienu jaghrnlu xirja zghira *mill-outlet* u sussegwentament kienu jitfghu x-xirja gewwa friza kbira tal-kumpannija li kien hemm fl-imsemmi *outlet.* Qabel ma kienu jitilqu mix-xoghol fl-ahhar tal-gurnata, huma kienu jergghu jmorru lura fil-friza u kienu johorgu bl-istess basket tax-xirja, izda dan il-basket kien ikun jidher ferm aktar mimli minn dak li huma jkunu dahlu aktar kmieni fil-gurnata. Ghaldaqstant, Francis Zarb issusspetta li dawn kienu qieghdin jiehdu prodotti tal-laham minn dan *I-outlet* rninghajr ma kienu jhallsu ghalihorn. In vista ta' dan, huwa ghaddha lill-Pulizija diversi filmati li juru dan *il-modus operandi* adoperat minn Daren Ellul u Paul Louis Gauci.
IIIi wara zrnien ta' sorveljanza, fis-27 ta' April 2016, l-ufficjali tal-Pulizija waqqfu lil Daren Ellul u lil Paul Louis Gauci wara li dawn telqu mix-xoghol u wara li aktar kmieni dakinhar stess Francis Zarb informa lill-Pulizija li Ellul u Gauci kienu qieghdin jergghu jagixxu b'mod suspettuz hekk kif spjegat aktar 'il fuq f'dan ir-rikors. L-Ispettur Saviour Baldacchino u PC 294 kienu waqqfu lil Daren Ellul, u PS 430 u PC 404 kienu waqqfu lil Paul Louis Gauci.
Irrizulta illi meta I-Ispettur Saviour Baldacchino u PC 294 waqqfu lil Daren Ellul, dan kellu diversi prodotti tal-Iaham fiI-basket li kien fil-pussess tieghu, u meta kien mitlub sabiex iforni ricevuta ghal tali prodotti, Daren Ellul naqas milli jaghrnel dan. BI-istess mod, meta PS 430 u PC 4b4 waqqfulil Paul Louis Gauci, dan ukoll kellu diversi prodotti tal-laham fiI-basket li kien fil-pussess tieghu, u meta kien mitlub sabiex iforni ricevuta ghal tali prodotti, dan naqas milli jforniha. Fil-mori tal-proceduri odjerni, Francis Zarb xehed illi huwa ma kienx mgharraf mill-imputati, qua appellati, li huma kienu ser jiehdu dawn il-prodotti tal-laharn rninghajr ma jhallsu ghalihorn u spjega li dawn il-prodotti ma kienux moghtija minnu b'xi forma ta' rigal.
Wara it-tfittxija li saret fuq l-appellati u wara s-sejba tal-prodotti tal-laham mhux imhallsa  minnhom, il-Pulizija infurmathom li kienu taht arrest u tathom it-twissijiet u d-drittijiet kollha taghhom skont il-ligi. L-ghada ta' l-arrest taghhorn, ittiehdet stqarrijamill-appellati, f'liema stqarrija huma ammettew li kienu serqu I-prodotti tal-laham rnisjuba fil-pussess taghhom ilgurnata ta' qabeJ u li din ma kinitx l-ewwel darba li kienu hadu prodotti tal-Iaham minghajr ma kienu hallsu ghalihorn, *ad insaputa* ta' Francis Zarb, *bil-niodus operandi* hekk kif spjegat aktar 'il fuq
lIli konsegwentement l-appellati tressqu quddiem il-Qorti tal-Magi strati sabiex iwiegbu ghall-imputazzjoni hawn fuq imsemmija.
lIli fit-22 ta' Marzu 2019, l-esponent ircieva minghand il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali l-atti processwali fl-ismijiet premessi u hassu aggravat bihom b'mod car u manifest in kwantu li l-Qorti tal-Magistrati ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti quddiemha meta lliberat lill-appellati mill-imputazzjoni ta' serq ikkwalifikat bil-valur u bil-persuna.

IIIi l-ewwel aggravju tal-esponent huwa bbazzat fuq il-fatt li fis-sentenza taghha, il-Qorti tal-Magistrati rritjeniet illi fir-rigward ta' l-ammont tal-affarijiet allegatament misruqa, ma ngabitx l-ahjar prova tat-telf rejalment soffert *mill-parte civile* Francis Zarb. II-Qorti kkummentat fuq il-fatt li kull ma gie esebit huwa ezercizzju li sar *mill-parte civile* fejn intqal li dak kien l-ammont tal-affarijiet misruqa, liema ezercizzju huwa esebit a fol. 70 ta' l-atti processwali. Il-Qorti kompliet billi tirritjeni li dan huwa ezercizzju *ex parte* li ma giex ikkorraborat minn espert tal-Qorti u li tali ezercizzju ma jurix b'mod car l-oggetti allegatament misruqa u l-ammont taghhom. Ghaldaqstant, il-Qorti rritjeniet li din il-mankanza da parti tal-Prosekuzzjoni kellha timmillita favur l-imputati, qua appellati.

Illi dejjem bid-dovut rispett wiehed ma'jistax jaqbel mal-argumentazzjoni u r-ragunament tal-Qorti tal-Magistrati meta ddecidiet li ma tista' qatt tinstab htija fuq l-imputazzjoni dedotta konta l-imputati, qua appellati, abbazi tal-fatt li l-valur tal-prodotti misruqin kien moghti mill-*parte civile.* Irid jinghad illi apparti dan l-ezercizzju appena imsemmi, liema ezercizzju jindika l-prezzijiet *wholesale* tal-prodotti kollha allegatament misruqin, *il-parte civile* esebit ukoll zewg dokumenti li juru l-valuri *wholesale* tal-oggetti li nsterqu minn Daren Ellul u minn Paul Louis Gauci dakinhar tas-27 t'April 2016, liema dokumenti huma esebiti a fol. 71 u 72 tal-atti processwali u mmarkati bhala Dok JF 2 u Dok JF 3 rispettivament. Filwaqt li Dok JF 2 jirreferi ghall-oggetti allegatament misruqin minn Daren Ellul, Dok JF 3 jirreferi ghall-oggetti allegatament misruqin minn Paul Louis Gauci. Fi kliem iehor, Dok JF 1, Dok JF 2 u Dok JF 3 jirriflettu l-prezz ta' dawn il-prodotti li l-kumpannija *Meat Point* hija stess hallset sabiex setghet tixtrihom u mhux il-prezz li bih il-kumpannija *Meat Point* tbiegh dawn il-prodotti.
Tramite l-gurisprudenza, il-Qrati taghna elenkaw il-metodi ta' kif jista' jigi determinat il-valur tal-oggetti misruqa jew inkella l-valur tal-hsarat. Fis-sentenza fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Joseph Zahra* moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-24 ta' Frar 2003 il-Qorti rriteniet issegwenti:

*Fin-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet u salv dak li jinghad fis-subartikolu* (2) *ta' l-artikolu* 325, *biex tigi determinata l-hsara ghall-finijiet ta' l-artikolu* 325(1) *tal-Kodici Kriminali (moqri ma' l-artikolu* 335 *ta ' l-istess Kodici) din trid (i) jew tigi apprezzata direttament mill-gudikant, fis-sens li jekk il-gudikant ikun jifhem bizzejjed jista' jiddetermina huwa stess l-ammont tal-nsara hilli jezamina l-oggett in kwistjoni; jew (ii) IL-PARTI LEZA TGHID KEMM EFFETTIVAMENT HALLSET BIEX ISSIR IT-TISWIJA TA' JEW FI LOGGETT; jew inkella billi jitqabbad perit mill-qorti biex jaghti l-fehma tieghu dwar l-ammont tal-hsara.'*

Illi in oltre, anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument, u nonostante l-insenjament tal-Qorti fis-sentenza appena citata, il-Qorti hasset li ma kellix tiehu konjizzjoni ta' Dok JF 1, Dok JF 2 u Dok JF 3, hija setghet, bl-esperjenza ta' kuljum taghha, taghrnel il-valutazzjoni taghha tal-valur ta' l-oggetti

misruqin fis-sens li tistabilixxi jekk ikunx inqabez o *meno l-benchmark* partikolari stabbilit mil-ligi. F'dik l-eventwalita ma jkunx hemm bzonn il-htiega li jitqabbad espert biex jikkonstata dwar il-valur ta' l-oggetti. Dan qieghed jinghad in linea ma' dak ritenut mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar it-23 ta' Settembru 2015 fis-sentenza fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Joseph Cutajar.* F'dan il-kaz, il-Qorti sahqet is-segwenti:

*Dwar l-aggravji l-ohra, jibda biex jinghad li l-ewwel qorti sabet htija, fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, skond il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu* 325(1) *tal-Kodici Kriminali, u cioe ta' hsara volontarja fejn l-ammont tal-hsara jiskorri l-hamsin lira izda ma jiskorrix il-hames mitt lira (u ghalhekk fit-termini precizi, ghal dak li jirrigwarda l-ammont tal-hsara, tat-tieni imputazzjoni). Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa il-provi kollha li kellha quddiemha l-ewwel qorti, u hi tal-fehma li ma tistax takkolji dawn iz-zewg aggravji dwar il-hsara. Din il-Qorti, bhall-ewwel qorti, m 'ghandhiex l-icken dubbju li kien l-appellant li, waqt l-aggrassjoni tieghu fuq Anthony Muscat, kissirlu kompletament in-nuccali, qataghlu katina tad-deheb b 'pendent maghha (li baqghu mo nstabux), u qataghlu anke katina li kellu ma idejh. Muscat xehed li n-nuccali kellu frame tal-marka "Ray Ban" u li l-lenti, li kienet tal-vista, kienet tat-tip varifocal. Fic-cirkostanzi tal-kaz hu evidenti li ma kien hemm bzonn ta' ebda perit biex jaghmel xi stima ta' xi oggetti biex l-ewwel qorti tikkonkludi - kif effettivament ikkonkludiet -li l-hsara kagunata kienet ta' aktar minn hamsin lira. Jekk wiehed jillimita ruhhu mqar ghan-nuccali b'dik it-tip ta' lenti, hu evidenti li l-ammont tal-hsara kien jiskorri l-hamsin lira. Meta qorti, bl-applikazzjoni tal-esperjenza ta' kulljum tal-gudikant, tkun tista' taghmel il-valutazzjoni taghha tal-ammont tal-hsara (jew tal-valur ta' l-oggett misruq) fis-sens li tistabilixxi jekk ikunx inqabez jew le xi benchmark partikolari stabbilit mill-ligi (ez. jekk flux aktar minn ghaxar liri, aktar minn hamsin lira jew aktar minn hames mitt lira - Art.* 325(1), *Kap.* 9), *m 'ghandux jitqabbad perit biex jaghmel stima ta' l-oggett jew oggetti in kwistjoni proprju ghax tali valutazzjoni ma tkunx "tinhtieg hila jew sengha specjali" (Art. 650(1), Kap. 9): l-ispejjez ta' tali perizja u d-dewmien li din neccessarjament iggib ikunu inutili u ghalhekk ingustifikati. Fic-cirkostanzi tal-kaz de quo, din il-Qorti ma tara li hemm assolutament xejn li ghondha tbiddel fis-sentenza appellata ghal dak li jirrigwarda it-tieni imputazzjoni.*

Illi l-istess principju gie ritenut ghal darb'ohra mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar is-7 ta' Dicembru 2006 fis-sentenza fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Lorita Pace* rnoghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-7 ta' Dicembru 2006 . Il-Qorti rritjeniet is-segwenti:

*"Illi dwar l-aggravju li ma saritx il-prova tal-valur tal-mobile Nokia 6600 in kwistjoni, Mario George Vella xehed li dan kien xtrah bil-prezz ta' Lm145 xi sitt xhur qabel. Issa kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta l-Appelli Kriminali mill-Prim' Imhallef V DeGaetano fil-kawza Il-Pulizija vs Joseph Cutajar [23.9.2005}, meta Qorti, bl-applikazzjoni ta' l-esperjenza fa' kuljum tal- Gudikant, tkun tista' taghmel il-valutazzjoni taghha ta' l-ammont tal-hsara fis-sens li tistabilixxi jekk ikunx inqabez jew le xi benchmark partikolari stabilit mil-ligi, m*

*'ghandux jitqabbad perit biex jaghmel stima tal-oggett jew oggetti in kwistjoni proprju ghax tali valutazzjoni ma tkunx "tinhtieg hila jew sengha specjali" [Art. 650(1) fa' l-imsemmi Kodici}. Dan ukoll ghaliex l-ispejjez ta' tali perizja u d-dewmien li din necessarjament iggib ikunu inutili w ghalhekk ingustifikati. Ghalhekk ladarba l-Ewwel Qorti kellha l-prova ta' kemm kien inxtara l-mobile proprju flit tax-xhur qabel, setghet legittimament tikkonkludi li l~valur ta' dal-mobile kien jaqbez dak ta' mitt lira skond l-Artikolu* 267. *Ghalhekk dan l-aggravju ma hux gustifikat u'qed jigi respint.*

Illi l-esponent jissottometti illi anke jekk ghas-sahha ta' l-argument il-Qorti ma hassitx li kellha tiehu konjizjoni ta' Dok JF I, Dok JF 2 u Dok JF 3 u li lanqas ma setghet tikkonstata il-valur ta' tali oggetti hi stess, b'kull dovut rispett lejn il-Qorti tal-Magistrati, il-Qorti qatt ma setghet tillibera lill-appellati mill-imputazzjoni ta' serq abbazi tal-fatt li l-valur ma giex ippruvat. Hekk kif gie ritenut mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar it-30 t'April 2014 fis-sentenza fl-ismijiet *II-Pulizija* vs *Robert Gafa: fejn hemm dubju dwar il-valur la' oggett misruq imbaghad is-soluzzjoni mhijiex dik proposta mill-appellant, cioe , li persuna tigi lliberata izda li tiehu lanqas valur, b 'hekk li persuna akkuzata b'serq ikkwalifikat bil- "valur " tista' tinsab hatja ta' serq semplici.*

IlIi dejjem bid-dovut rispett lejn il-Qorti tal-Magistrati, fil-kaz odjern, il-Qorti donnha li minhabba li hija ma kinitx moralment konvinta dwar il-valur tal-oggetti misruqa, hija illiberat lill-appellati mill-imputazzjoni dedotta kontrihom fl-intier tagha u cioe minghajr ma ta' l-anqas ikkunsidrat jekk l-appellati setghux jinstabu hatja ta' serq sernplici; xi haga li l-Qorti qatt ma setghet taghmel, anke in linea ma dak li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali rritjeniet fis-sentenza appenna citata *Il-Pulizija vs Robert Gafa.* Dan qieghed jinghad anke in vista tal-fatt li fil-kaz odjern, fis-27 t' April 2016 l-appellati nqabbdu *in flagrante delicto* jwettqu s-serq tal-prodotti tal-laham, hekk kif jirrizulta mix-xhieda ta' l-ufficjali tal-Pulizija li ghamlu ttfixxitja fuq il-persuna u fuq il-vettura ta' l-appellati. Minn din it-tfittixja, il-Pulizija sabu prodotti tal-laham fil-pussess ta' l-appellati, ghal liema prodotti l-appellati naqqsu milli jfornu rcevuta tal-hlas taghhom. Fl-umli fehma ta' l-esponent, ta' l-anqas fir-rigward ta' dan l-incident tas-27 t' April 2016, il-Qorti kellha ta' l-anqas issib htija ta' l-imputazzjoni ta' serq, anke jekk hija ma kinitx konvinta mill-kwalifika tal-valur ta' l-oggetti in kwistjoni. Jekk il-Qorti ma kinitx moralment konvinta mill-valur tal-oggetti misruqin, b'kull dovut rispett, il-Qorti ma setghetx, abbazi ta' dan, tillibera lilll-appellati mill-imputazzjoni ta' serq ghal kollox.

IIIi terga' u tghid, fil-kaz odjern, anke jekk din il-Qorti ma hassitx li l-kwalifika tal-valur ma gietx ippruvata, il-Qorti tal-Magistrati baqghet siekta dwar it-tieni kwalifika ta' l-imputazzjoni ta' serq dedotta kontra l-imputati, qua appellati, u cioe tal-kwalifika tal-persuna. Fil-proceduri odjerni, rapprezentant *tal-Jobs Plus* xehed li l-appellati kienu impjegati ma' Francis Zarb fiz-zmien indikat fic-citazzjoni. In vista ta' dan, l-esponent jissottometti li, anke jekk il-Qorti tal-Magistrati ma kinitx moralment

konvinta dwar il-valur ta' l-oggetti misruqin fl-umli fehma ta' l-esponent, il-Qorti kellha ssib lill-imputati, qua appellati, hatja ta' serq ikkwalifikat bil-persuna.

Illi l-Qorti tal-Magistrati rritjeniet illi kunsiderazzjoni ohra li timmilita favur l-imputati, qua appellati, u li abbazi ta' x'hiex hi lliberathom, kienet li l-Prosekuzzjoni ma gabitx provi fotografici tal-oggetti li nstabu (peress li dawn kienu oggetti tal-laham u ghalhekk ma setghux jigu esebiti l-Qorti) u li kienu hergin bihom l-appellati nhar is-27 t' April 2016. Il-Qorti qalet li gjaladarba din il-prova ma ngabitx mill-Prosekuzzjoni, hija ma setghetx tohrog il-prova tali dentifikazzjoni tal-oggett tar-reat sabiex il-Qorti tkun tista' tivvaluta l-ammont tieghu. B'kull dovut rispett lejn l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati, l-esponent ma jista' qatt jaqbel ma tali argumentazzjoni. Dan qieghed jinghad stante li, ghalkernm huwa minnu li ma gewx esebiti fl-atti processwali ritratti tal-prodotti li nstabu fil-pussess ta' I-appellati dak in-nhar tas-27 t' April 2016, l-esponent jissottometti li barra mill-fatt li fir-rigward ta' l-istanza tas-27 t'April 2016, l-appellati nqabbdu *in flagrante delicto* jikkommettu s-serq tal-prodotti tal-laham hekk kif jirrizulta mix-xhieda ta' Francis Zarb u l-ufficjali tal-Pulizija li ghamlu tfittxija fuq il-persuna u fil-vettura ta' l-appellati, fl-atti processwali hemm esebiti Dok JF 26 u Dok IF 37, liema dokumenti jelenkaw mhux biss kull tip ta' laham li nstab fil-pussess taghhom, izda jelenkaw ukoll il-piz ta' kull prodott! L-esponent, umilment u b'kull dovut rispett lejn il-Qorti tal-Magistrati, jissottometti li stante li kien hemm elenku ta' kull prodott li allegatament insteraq mill-appellati, u bil-piz rispettiv ta' kull prodott, ma kienx hemm il-htiega ta' prova fotografika sabiex tinstab htija fl-appellati.

Illi t-tielet kunsiderazzjoni tal-Qorti tal-Magistrati abbazi ta' x'hiex hija lliberat lill-appellati kienet li l-Prosekuzzjoni ma gabitx l-ahjar prova fir-rigward tal-filmati esebiti fl-atti processwali. Fi kliem il-Qorti tal-Magistrati:

*... biex tingieb l-ahjar prova ried jitqabbad espert tal-Qorti sabiex jiddentifika l-perjodi nkriminanti u jaghmel stills sabiex il-modus operandi li fuqu bbazat ruhha l-prosekuzzjoni tigi kristallizzata u tali prova tkun aktar univoka.*

B'kull dovut rispett, l-esponent ma jaqbilx ma' dan ir-ragunarnent. Dan ghaliex l-ahjar prova f'dan il-kaz tressqet u dan sar billi gew esebiti l-filmati nnisifhom rnill-Prosekuzzjoni, liema filmati gew ikkonfermati minn Jonathan Friggieri li huwa l-persuna li ghamel *id-download* tal-filmati msemmija, u li ddatahom skont id-dati li l-appellati nqabbdu fuq is-CCTV *footage* jadoperaw *il-modus operandi* hekk kif spjegat aktar 'il fuq. Tajjeb jinghad li d-dati hekk indikati fuq il-filmati jirreferu ghall-istanzi li graw precedentament ghas-27 t'April 2016 u b'hekk l-esponent jissottometti li dawn il-filmati kienu provi indispensabbli ghall-Prosekuzzjoni biex tipprova l-imputazzjoni hekk kif postulata.

Fil-fehma ta' l-esponent, dak li jikkostitwixxi l-ahjar prova huma l-filmati nnifishom u mhux l-*istill images* derivanti mill-imsemmija filmati. L-esponent jissottometti illi li kieku gara l-invers, u cioe li kieku l-Prosekuzzjoni esebit *s-istill images* minghajr ma esebit il-filmati in kwistjoni, f'dik l-istanza, wiehed gustament jista' jghid li l-ahjar prova ma ngabitx u dan stante li, fl-umli fehma ta' l-esponent, biex ikun hemm l-ahjar prova, il-Prosekuzzjoni kellha tesebixxi l-filmati li minnhom ttiehdu l-imsemmijin *still images.* Peress li, fil-kaz odjern, il-filmati huma esebiti fl-atti processwali, il-Qorti kellha kull opportunita li tarahom u tevalwa l-*modus operandi* adoperata mill-appellati f diversi granet u xhur qabel is-27 t' April 2016. Il-filmati juru l-mod kif l-appellati kienu jisirqu l-prodotti tal-laham, u cioe billi l-appellati jdahhlu basket zghir bi prodotti li jkunu xtraw aktar kmieni fil-gurnata *fi fridge* kbira (f'forma ta' *store)* u sussegwentament qabel ma jitilqu mix-xoghol, kienu jergghu jidhlu *fil-fridge* u johorgu bl-istess basket izda dan kien ikun mimli b'hafna aktar prodotti. B'kull dovut rispett, li kieku nhargu *still images* mill-filmati, qajla kienu jghinu lill-Qorti fl-evalwazzjoni taghha tal-kaz odjern. Dan qieghed jinghad stante li sabiex il-Qorti setghet tapprezza u tevalwa l-*modus operandi* adoperata mill-appellati, hija kellha tara l-filmati kollha. Fl-umli fehma ta' l-esponent, f'dan il-kaz partikolari, is-semplici estrazzjoni ta' sett ta' ritratti li jaqbad mumenti partikolari rnill-filmati, ma kienux ser jghinu lill-Qorti fil-gudizzju taghha. Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, bid-dovut rispett, l-esponent ma jarax illi hemm xi raguni legalment jew fattwalment valida li kellha twassal lill-Qorti tal-Magistrati sabiex ma tikkunsidrax il-filmati esebiti bhala l-ahjar prova. Il-filmati esebiti huma provi ammissibbli skont il-ligi u kellhom jigu kkunsidrati flimkien mal-provi l-ohra kollha migjuba kontra l-appellati.

4. Illi matul it-trattazzjoni tal-appell l-Avukat Joseph Brincat għall-appellant Paul Gauci ressaq il-preġudizzjali tal-irritwalita u n-nullita tar-rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali minħabba karenza ta' bażi legali għall-appell. Huwa jtenni li l-mod kif ġie kalkulat il-valur għall-fini tal-allegat serq f'dan il-każ ma kienx konsoni mal-ġurisprudenza in materja. Itenni li skont is-sentenzi ***Il-Pulizija vs Salvu Depares*** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar is-6 ta' Marzu 1954 kif ukoll ***Il-Pulizija vs Peter Borg*** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-18 ta' Ġunju 2009, f'każ ta' reat kontinwat, bħal ma kien dak in disamina, il-Prosekuzzjoni kellha

tieħu dak l-att furtiv li fih jirriżulta l-għola valur u tikkalkula l-valur in bażi tiegħu u mhux taqbad u tieħu t-total ta' dak li kien jidhrilha li kienet ir-*res furtiva* u tgħodd kollox flimkien. In bażi għal dan l-insenjament Gauci jsostni li f'dan il-każ ma setgħax jirriżulta li kien hemm xi episodju mis-serq kommess li kien jaqbeż l-€233 u b'hekk il-kwalifika tal-valur ma setgħetx tirriżulta l-anqas. Itenni li l-imputati setgħu jiġu misjuba biss ħatja b'serq kwalifikat bil-persuna, f'liema każ il-piena applikabbli kienet tkun dik bejn seba' xhur u sentejn priġunerija ai termini tal-artikolu 281 tal-Kodiċi Kriminali. Dan kien iwassal għall-fatt li allura ir-reat in kwistjoni kien jissubentra fil-parametri tal-kompetenza oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati ai termini tal-artikolu 370(1) tal-Kodiċi Kriminali bil-konsegwenza li l-Avukat Ġenerali kien ristrett fuq meta setgħa jappella. F'dan il-każ l-Avukat Ġenerali appella mill-provi prodotti u dan ma kienx konsentit bl-artikolu 413(1)(a)(b) tal-Kodiċi Kriminali. Ergo jsostni li l-appell tal-Avukat Ġenerali huwa irritu u null in kwantu karenti minn bażi legali.

***Ikkunsidrat : -***

5. Illi għalkemm l-argumentazzjoni in bażi għall-preġudizzjali sollevata mill-Abbli Difensur tal-appellat Gauci hija inġenjuża, din il-Qorti ma tistax taqbel kompletament mal-aspetti kollha tagħha. Din il-Qorti taqbel mal-appellat Gauci li f'dan il-każ setgħa kien hemm lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali

in kwantu l-linji ġuridiċi traċċjati mis-sentenza ***Il-Pulizija vs Salvu Depares*** kienu jistgħu isibu posthom faċilment fix-xenarju de quo. Għalkemm il-Prosekuzzjoni xliet lill-appellati bir-reat fil-forma kontinwata,[1] fin-nota tar-rinviju għall-Ġudizzju tal-Avukat Ġenerali a fol 84 wieħed isib ir-referenza għall-artikolu 17, iżda mhux għall-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali. Jidher li l-Prosekuzzjoni għażlet li ma timxix ma dik il-linja ġurisprudenzjali meta ġiet biex formalment tixli lill-appellati. Fil-kawża ***Il-Pulizija vs Joseph Cini*** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar il-5 ta' Lulju 1996 ġie deċiż illi:-

> Bhalma l-paragrafi t' l-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali (re: konkors ta' reati u ta' piena) ma jistghux jittiehdu in konsiderazzjoni u jigu applikati mill-Qorti jekk il-prosekuzzjoni ma tressaqx aktar minn imputazzjoni ta' reat wiehed fl-istess kawza, hekk ukoll jekk il-prosekuzzjoni ma tkunx ikkontemplat id-diversi infrazzjonijiet bhala reat kontinwat u gabithom kollha fl-istess kawza bhala tali reat kontinwat, il-Qorti necessarjament, trid taghti sentenza separata f'kull kawza ossia ghal kull infrazzjoni jew ghall-infrazzjonijiet migjuba f'dik il-kawza. L-uniku rimedju li tipprospetta l-ligi hu li jekk il-Qorti tara li d-diversi infrazzjonijiet f'kawzi separati kellhom jigu ttrattati bhala reat kontinwat f'kawza wahda, l-Qorti ghandha timmodera u tadegwa l-piena ghac-cirkostanzi.

6. B'hekk minn dak li rriżulta f'dan il-każ ir-reati ta' serq ma ġewx magħquda mill-prosekuzzjoni bir-reat kontinwat ġaladarba l-Avukat Ġenerali ma xeliex lill-appellati b'dak il-mod. Anzi l-Prosekuzzjoni xliet b'reat wieħed li jinkludi fih diversi infrazzjonijiet kommessi mill-appellati mingħajr ma rrikorriet għall-applikazzjoni tal-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali. Il-Qorti

[1] in kwantu imputat ir-reat ta' serq kwalifikat bil-valur u l-persuna bħala reat kontinwat, bil-formula msemmija mill-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali miktuba f'ittri grassi fuq il-komparixxi.

tal-Maġistrati pproċediet biex tiddeċiedi l-kawża skont dak l-istat tal-atti.

7. Meta ġiet biex titratta dan il-każ, l-anqas ma jidher li l-Qorti tal-Maġistrati applikat d-disposizzjonijiet tal-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali u l-ġurisprudenza relattiva in kwantu jirriżulta li proċediet fit-termini tal-artikolu 370(3) tal-Kodiċi Kriminali. Dan joħroġ ċar mill-proċedura li segwiet matul il-kors tal-kawża. Ma jirriżultax li b'xi mod, f'xi stadju, ikkunsidrat li tipproċedi b'dak previst fl-artikolu 403 tal-Kodiċi Kriminali. Dan juri li ma qiesetx l-argument imressaq mid-Difiża ta' Gauci. Anzi meta ġiet biex teroga s-sentenza dik il-Qorti qieset li kienet leġittimata li ma tapplikax id-disposizzjonijiet tal-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali għar-reat in disamina in kwantu dan ma ġiex invokat mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tiegħu.

8. Għall-fini tal-appell, għalhekk l-Avukat Ġenerali la xela u wisq anqas applika d-disposizzjonijiet tal-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali. Ladarba l-Avukat Ġenerali ma applikahx, dan kien ifisser li huwa ma kienx qiegħed jitlob lill-Qorti li tawmenta l-piena bi grad jew tnejn. Mill-banda l-oħra preveda li l-każ tiegħu setgħa jiġi deċiż bħala każ ta' serq kwalifikat bil-valur u l-persuna. Iżda jirriżulta li dan it-tir, għarralu għaliex il-Qorti tal-Maġistrati proċediet b'liberatorja minħabba l-problematika tal-prova tal-valur tar-res furtiva għar-raġunijiet speċifikati fis-sentenza.

9. Biss f'dan ix-xenarju proċedurali anke jekk, għall-grazzja tal-argument, din il-Qorti kellha tqis validu l-argument tal-appellat Gauci wara l-preġudizzjali sollevata minnu, meta wieħed jistħarreġ l-appell tal-Avukat Ġenerali wieħed isib li dan l-appell mhux daqstant marbut mal-apprezzament tal-provi magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati daqskemm mal-interpretazzjoni, enunċjazzjoni jew applikazzjoni żbaljata tal-ipoteżi ta' Liġi magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati għall-fatti f'dan il-każ.

10. L-aggravju prinċipali tal-Avukat Ġenerali jikkritika lill-Qorti tal-Maġistrati fuq il-fatt li meta għamlet l-analiżi tal-fatti tagħha hija għamlet dan mill-ottika ta' interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-liġi fis-sens li dik il-Qorti waslet għall-konklużjoni li l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq prova tal-valur tar-*res furtiva* minħabba interpretazzjoni, enunċjazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-Liġi dwar kif Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tista' tasal biex tiddetermina l-valur tar-*res furtiva*. In-nuqqas tal-Qorti tal-Maġistrati li tosserva dawn il-prinċipji legali, u li fuqhom tali Qorti kellha tagħmel l-evalwazzjoni tagħha f'dal każ huma l-bażi ta' dan l-appell. Din hija kwistjoni ta' Liġi u mhux t'apprezzament ta' fatt.

11. Apparti minn hekk l-Avukat Ġenerali jilmenta wkoll li l-Qorti tal-Maġistrati kienet żbaljata fil-liberatorja tagħha in kwantu hija waslet għall-dik il-konklużjoni in bażi għal interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tat-teorija tal-*best evidence rule* fil-qasam ta' provi fotografiċi jew viżivi. Għal darb'oħra dan mhux biss ilment li jinvolvi analiżi tal-provi *per se* daqskemm analiżi dwar jekk il-

Qorti tal-Maġistrati, fl-evalwazzjoni tagħha tal-fatti tal-każ użatx il-kejl, ir-regoli u t-testijiet meħtieġa mill-Liġi u mill-ġurisprudenza għall-fattispecie ta' dan il-każ.

12. Illi a differenza ta' dak sostnut mill-Qorti tal-Maġistrati, l-prova relattiva għat-telf ossija l-valur tar-*res furtiva* f'dan il-każ ma kienetx bilfors teħtieġ li jiġi maħtur espert tekniku. Kif intqal fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Joseph Zahra*** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar l-24 ta' Frar 2003, id-determinazzjoni tal-valur ta' oġġett tista' tiġi magħmula jew b'apprezzament tal-ġudikant jekk huwa jkun jifhem biżżejjed biex jiddetermina l-valur hu stess, jew billi jitqabbad perit mill-Qorti biex jagħti l-fehma tiegħu dwar l-ammont tal-ħsara jew inkella billi l-parte lesa tixhed bil-ġurament dwar kemm hija kienet ħalset biex xtrat l-oġġett jew il-valur tat-tiswija tal-oġġett.

13. Mela jsegwi li kontra l-interpretazzjoni li tagħat il-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza tagħha hija setgħet toqgħod u tistrieħ fuq ix-xiehda tal-parti leża, jekk xejn, almenu f'dan il-każ fuq dik il-parti tax-xiehda ta' Jonathan Friggieri dwar il-valur tal-oġġetti li rriżultawlha li ġew misruqa mill-appellati msemmija f'dok JF1 a fol 71 u JF2 a fol 72. Ix-xiehda tal-parti leża dwar kemm ikun xtara l-laħam hu stess – ara fol 68 – mhux eżerċizzju *ex parte* iżda xiehda ta' fatt, ta' xhud ordinarju li jrid jiġi mgħarbel bil-mezzi li trid il-Liġi fl-artikoli 637 u 638 tal-Kodiċi Kriminali.

14. L-anqas ma l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal li tillibera lill-appellati minħabba l-fatt li qieset li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx il-valur tar-*res furtiva* lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. F'każ fejn mill-provi jirriżulta li l-ġudikabbli jkun wettaq is-serq iżda l-valur tar-*res furtiva* jibqa' dubbjuż, l-applikazzjoni korretta tal-Liġi mhix dik li l-Qorti tillibera lill-ġudikabbli minħabba nuqqas ta' provi dwar il-valur, iżda li ssib lill-ġudikabbli ħati tar-reat ta' serq mingħajr dik il-kwalifika tal-valur. Dan joħroġ ukoll minn sentenzi ta' din il-Qorti diversament presjeduta bħal ***Il-Pulizija vs Robert Gafa*** tat-30 t'April 2014.

15. Apparti minn hekk il-Qorti tal-Maġistrati tenniet ukoll li dwar il-prova tal-filmat eżebit il-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq l-aħjar prova dwar dan il-filmat fis-sens li naqset milli titlob li jitqabbad espert biex jidentifika l-perjodi inkriminati u jagħmel *stills* biex il-*modus operandi* li sawwar l-akkuża jiġi kristallizzat u tkun prova univoka. Anzi dik il-Qorti marret pass oltre u ikkritikat lill-Prosekuzzjoni talli naqset milli ġġib fotogrammi tal-oġġetti li nstabu fil-basktijiet għall-fini tal-identifikazzjoni u valutazzjoni tagħhom.

16. Din il-Qorti taqbel li kien ikun aħjar għall-każ tal-Prosekuzzjoni li tressaq il-prova tal-fotografika tal-oġġetti derubati. Dan setgħa jagħti stampa aktar ħajja ta' dak li xehdu dwaru x-xiehda. Iżda l-fatt li jkun hemm xiehda okulari tar-*res furtiva,* tal-*quantum* tagħha, li jiddeskrivu r-*res furtiva*, nonche l-valur *al lordo* għandu jkun biżżejjed biex isawwar prova f'Qorti ta' Ġustizzja Kriminali.

17. Apparti minn hekk il-filmat juri dak li x-xiehda okulari tkelmu dwaru. Dwar dan il-punt, fis-sistema proċedurali Anglo-sassoni, u li fuqu l-Liġi proċedurali penali Maltija hija msejsa, il-***Blackstone's Criminal Practice 2019*** għandu dan x'jgħallem :

> The contents of photographs and films on which a party seeks to rely may be proved by the production of the original; or by the production of a copy proved to be an authentic copy; or by the parol evidence of witnesses who have seen the photograph or film. In *Kajala v Noble* (1982) 75 Cr Aoo R 149 Ackner LJ held that the rule, that if an original document is available in a party's hands he must produce it and cannot give secondary evidence of it, was confined to written documents in the strict sense of the term and has no relevance to tapes or films. In *Taylor vs Chief Constable of Cheshire* (1986) 1 All ER 225, a video cassette recording, made by a security camera and showing a person in a shop picking up an item and putting it into his jacket, was played to police officers who identified the person as Taylor. The recording, after it had been returned to the shop, was accidentally erased. Evidence by the officers of what they had seen on the video was held to have been properly admitted, on the ground that what they had seen on the video was no different in principle from the evidence of a bystander who had actually witnessed the incident, and the appeal against conviction was dismissed. The Court of Appeal held that the weight and reliability of the evidence had to be assessed carefully, and because identification was in issue, by reference to the guidelines laid down in *Turnbull* (1977) QB 224, which had to be applied in relation to not only the camera, but also to the visual display unit or recorded copy and the officers. See also Constantinou (1989) Cr App R 74. [2]

18. L-implikazzjoni ta' din il-ġurisprudenza Ingliża hija importanti ħafna għall-fini ta' dan il-każ inkwantu jammetti l-ammissibbilita bħala evidenza fi proċeduri kriminali :

> just as a video recording of the commision of an offence is admissible, so also a witness who has seen the recording may give evidence of what he saw, as he is in effect in the same position a a witness with a 'direct view of the action' *Taylor vs Chief Constable of Cheshire* (1986) 1 All ER 225[3]

---

[2] Oxford University Press, 2018, para F8.62, paġna 2652.
[3] Oxford University Press, 2018, para F16.11, paġna 2793.

19. Dan iwassal lil din il-Qorti sabiex tikkonkludi allura li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet, kieku riedet, legalment u raġonevolment tistrieħ fuq ix-xiehda fir-rigward ta' dak li huma raw fuq il-*video recording* li ġew murija. Dan ifisser li allura x-xhieda setgħu jixhdu dwar dak li huma kienu raw fuq dak ir-*recording* daqslikieku kienu huma stess xhieda tal-event li seħħ, b'*direct view of the action*.

20. Jiġifieri f'dan il-każ il-Qorti tal-Maġistrati kellha quddiemha kemm il-filmat, kif ukoll xiehda ta' xhieda li raw ukoll dak il-filmat u xiehda ta' xhieda li raw ir-*res furtiva*. Din il-Qorti jidhrilha għalhekk li dawn ir-raġunijiet miġjuba mill-Qorti tal-Maġistrati u li fuqhom ibbażat il-liberatorja tagħha huma frott ta' interpretazzjoni, enunċjazzjoni jew applikazzjoni żbaljata tal-ipoteżi tal-Liġi u tal-ġurisprudenza għall-fatti specie in materia. Fil-fehma tal-Qorti dan l-argument jaqa' fil-parametri tat-teorija tal-*error iuris* naxxenti mill-artikolu 413(1)(b)(iv) tal-Kodiċi Kriminali. Il-Qorti għalhekk tiċħad il-preġudizzjali sollevata mill-appellant Gauci u tqis li l-bażi tal-appell tal-Avukat Ġenerali huwa fondat.

***Ikkunsidrat : -***

21. Illi f'appelli ta' dan il-ġeneru, huwa importanti li jiġi ċċarat x'inhuma l-funzjonijiet ta' din il-Qorti tal-Appell Kriminali, li f'dan il-każ tisma' appelli minn sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Dawn il-funzjonijiet ġew spjegati f'diversi sentenzi, fosthom fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel***

***ZAMMIT*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[4] fejn intqal:-

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

---

[4] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u r-***Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina*** 24 ta' April 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan*** et, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa*** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

22. B'hekk anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, ċjoe li terġa tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le qabel xejn teħodha l-Qorti tal-Maġistrati li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali u tasal għall-konklużjonijiet tagħha wara li tkun qieset kollox.[5]

23. Din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell Kriminali twettaq id-dmir ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, il-Qorti tal-Maġistrati, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiemha, setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Huwa minħabba f'hekk u biex tilħaq dan l-għan li din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell tagħmel l-apprezzament tagħha tal-provi prodotti quddiem dik il-Qorti.

24. Bosta drabi l-fatti li joħorġu mill-provi mhux dejjem ikunu jaqblu ma xulxin. Anzi ġieli jkun hemm xiehda li jgħidu bil-maqlub ta' xulxin. Għalhekk din il-Qorti trid tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali

[5] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati u dan għaliex jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza jekk ma jkunx hemm raġuni valida.

25. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[6]

26. In oltre, għal dak li jirrigwarda l-kredibbilta' tax-xhieda, l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess artikolu jippostula li xhud wieħed waħdu

[6] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib***, 15 ta' Jannar 2009; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili***, 19 ta' Gunju 2008; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter***, 14 ta' Dicembru 2004; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina***, 24 ta' April 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak***, 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***, 5 ta' Lulju 2002; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et***, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

jekk emnut huwa suffiċjenti. Dan ukoll ġie kkonfermat minn ġurisprudenza nostrana kopjuża fejn dan il-prinċipju ġie ripetutament assodat.[7]

27. Illi wkoll relevanti ai fini tat-test tal-kredibbilta huwa l-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali li jistipula li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

28. Skond il-ġurisprudenza nostrana jekk il-Qorti tal-Maġistrati tonqos milli tagħmel dan l-ezerċizzju fir-rigward ta' xhieda ta' ċertu portata jew li permezz tat-testimonjanza tagħhom ikollhom pern fuq is-sentenza finali, tista tirriżulta n-nullita' tal-proċeduri, li tista' titqajjem anki *ex officio* mill-Qorti stess u dan partikolarment meta l-każ ikun jistrieħ fuq il-kredibbilta' o meno tax-xhieda. Fi kliem ieħor jekk il-Qorti tkun qed tibbaża s-sentenza tagħha fuq in-nuqqas ta' kredibbilta' o meno ta' xhud jew xhieda partikolari, dik il-Qorti ma tkunx tista tasal għal tali konkluzjoni b'mod sodisfaċċenti

---

[7] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bonavia*** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; ***Il-Pulizija vs Antoine Cutajar*** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; ***Il-Pulizija vs Carmel Spiteri*** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

mingħajr l-ewwel ma tkun semgħet dawn ix-xhieda partikolari jixdu viva voce.[8]

29. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Thorne,***[9]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

30. L-akbar sfida li jkollu kull Ġudikant hi li huwa jkun jixtieq dejjem jasal li jiskopri l-verita storika. Dan peress li l-evidenza li jkollu quddiemu kemm dik diretta, kif ukoll u, *a maggior ragione*, dik indiretta, mhux dejjem neċessarjament iwasluh għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur għaliex il-Qrati mhux dejjem ikunu f'qagħda li jikxfu l-verita storika mix-xiehda tax-xhieda li jixhdu quddiemhom. U f'kull każ, il-Qorti ma għandhiex il-fakulta u s-setgħa li tidħol fil-profondita' tal-moħħ, qalb u kuxjenza tax-xhud li jkun xehed quddiemha b'mod li tkun tista' tistabbilixxi ċ-ċertezza assoluta ta' dak li jkun qed jaħseb u jgħid billi taqralu moħħu u qalbu.

31. Mill-banda l-oħra l-evidenza indiretta, dik li tistrieħ prinċipalment fuq iċ-ċirkostanzi u li tkun bażata fuq l-analiżi taċ-ċirkostanzi

---

[8] Ara is-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bartolo*** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Settembru 1999 ippreseduta mill-imhallef Vincent Degaetano.

[9] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

partikolari tal-każ, għalkemm mhix giddieba, tista' tkun qarrieqa. Huwa għalhekk li dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-massima li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun inevitabbilment univoka. Ċjoe li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni waħda biss. U xejn ħliefha. Għax altrimenti, din it-tip t'evidenza tista' tiżvijja lil Ġudikant mir-riċerka tiegħu tal-verita.

32. Il-Liġi penali **ma teħtieġx** li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tiġi stabbilita s-sufficjenza probatorja taċ-ċertezza assoluta, u dan għaliex Qorti rari ħafna tista' tkun konfrontata b'dan il-livell ta' prova. Fil-Liġi Maltija, bħal dawk li jsegwu l-proċedura penali imnisla mis-sistema Anglo-Sassoni, huwa biżżejjed li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imresqa mill-Prosekuzzjoni, u li ma jkunux ġew newtralizzati fuq bażi ta' probabbilta' mid-Difiża, sabiex tkun tista' ssib ħtija.

33. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli stabbiliti tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-*Law of Evidence*. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fuq il-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sa' dak il-grad ta' prova, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut, in kwantu f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar u tkun tista' ssib ħtija fl-akkużat.

34. Iżda jekk mill-banda l-oħra Qorti tkun teħtieġ prova teknika jew xjentifika u għalhekk tkun teħtieġ ħila jew sengħa speċjali, tkun teħtieġ li tiġi magħmula perizja minn persuni kwalifikati fil-qasam partikolari li tkun tolqot dik il-prova. Dawn ix-xiehda jitħarku bħal xiehda oħra, u huma mistennija li fl-aħħar tal-perizja tagħhom jipproduċu rapport, bil-fomm jew bil-miktub, lill-Qorti li tkun ħatrithom. Dawn ix-xiehda esperti jistgħu jixhdu dwar il-fatti u ċirkostanzi mistħarġa minnhom u li fuqhom ikunu bażaw ir-rapport tagħhom. Konsegwentement, a differenza ta' xiehda oħra, jistgħu jesprimu opinjoni fuq il-materja teknika li għaliha huma jkunu ġew maħtura. Fil-qadi ta' din il-mansjoni, dawn ix-xiehda jridu jaħilfu r-rapport tagħhom u meta jixhdu huma jagħmlu dan bil-ġurament.

35. Fattur ieħor importanti msemmi fil-Liġi Maltija huwa li meta dawn il-periti, matul ix-xogħol tagħhom ikunu ħadu informazzjoni mingħand persuni oħra fuq ċirkostanzi ta' fatt, dawn il-persuni għandhom jissemmew fir-rapport u jridu jiġi mismugħin fil-Qorti bħal kull xhud ieħor – dment pero li l-perit ma jkunx semgħa lil dawn ix-xiehda hu stess u bil-ġurament skont dak imsemmi fl-artikoli 650(5) tal-Kodiċi Kriminali. Eċċezzjonalment pero, jekk il-Qorti tħoss il-ħtieġa li dawn ix-xiehda jinstemgħu xorta waħda tista tordna li jinstemgħu quddiemha. Dan jista' jiġri wkoll fuq talba tal-imputat.

36. Imbagħad, dik il-Qorti wara li tkun għarblet kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta, biex tkun tista' ssib ħtija fl-imputat, il-Qorti tkun trid tkun

żgura moralment, *sure* bl-Ingliż u fis-sistema Legali Ingliż,[10] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni in bażi għall-provi ammissibbli li jitresqu quddiemha.

37. Il-grad ta' suffiċjenza probatorja *lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni* huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ fis-sistema Ġuridiku Malti sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat. Huwa livell li ma' jeħtieġx iċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet. Fil-każ Ingliż ***Majid***,[11] Lord Moses stqarr hekk :

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

38. Inoltre, fil-ktieb tagħhom ***The Modern Law on Evidence***, Adrian Keane u Paul McKeown[12] jgħidu s-segwenti : -

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

39. Sabiex tara jekk dan il-livell ta' suffiċjenza probatorja intlaħaqx din il-Qorti trid, *inter alia*, tara jekk u safejn persuna tkun qed tixhed is-sewwa bil-prinċipji provduti lilha fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali. Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-prinċipji, xhud ikun

---

[10] ***R v Majid***, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[11] ibid.
[12] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

qiegħed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati.

40. Huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

41. Illi l-Qorti tal-Maġistrati saħqet li l-Prosekuzzjoni ma pruvatx il-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni dwar il-valur tar-res furtiva b'nuqqas ta' osservanza tal-*best evidence rule*. Fis-sentenza fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.
> L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda.

Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.

Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.[13]

42. In oltre u aktar reċentement fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Cyrus Engerer,*** il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet illi :

Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita.[14]

43. Kwindi huwa essenzjali li l-provi indizzjarji jkunu b'saħħithom biżżejjed kif ukoll li jkunu jippuntaw f'direzzjoni waħda u ċioe' lejn il-ħtija tal-imputat u ħadd iktar floku. Jekk mill-banda l-oħra l-provi indizzjarji ma jkunux univoċi, ma jkunux jistgħu jagħmlu prova in sostenn tal-ħtija tal-imputat.

[13] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella.
[14] Deċiża nhar it-8 ta' Mejju 2014 mill-Imħallef Michael Mallia.

44. Issa f'dan il-każ il-Qorti tal-Maġistrati kellha quddiemha xenarju fejn ma kienx hemm biss provi indizzjarji jew ċirkostanzjali li l-appellati wetqu s-serq. Qabel xejn l-appellati infushom ammettew li kienu qegħdin, matul ċertu ammont ta' xhur, jieħdu laħam mingħajr ma jħalsu għalih. Dan ġie rikonoxxut ukoll mill-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza tagħha stess meta tgħid li ma jiswa xejn li f'dan il-każ l-imputati ammettew fl-istqarrija tagħhom li verament kienu ħadu xi affarijiet tal-laħam mingħajr ma kienu ħalsu għalihom iżda peress li ma qalux kemm kien l-ammont eżatt u ma qalux il-perjodu ta' meta ġara dan mela allura kien jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex timla l-vojt bil-provi li tressaq. Dik il-Qorti kompliet tgħid li ma setgħet tkun moralment konvinta li l-provi indizzjarji prodotti kienu jwasslu neċessarjament li l-imputati huma ħatja ta' serq skont l-akkuża kif postulata u taħt l-Artikoli indikat mill-Avukat Ġenerali in kwantu hija kienet marbuta b'dawn l-artikoli u jekk dawn ma jiġux pruvati hija għandha tillibera lill-imputati.

45. Din il-Qorti diġa spjegat fejn ma taqbilx ma din l-interpretazzjoni tal-Liġi da parti tal-Qorti tal-Maġistrati. F'dan il-każ l-appellati ammettew li kienu jisirqu l-laħam mill-ħanut li fih kienu jaħdmu u t-tnejn li huma jtennu li kienu ilhom jagħmlu dan għal diversi xhur. Biss din il-Qorti tifhem li l-Qorti tal-Maġistrati kellha wkoll dilemma oħra minħabba li ġie pruvat sal-grad tal-probabbli li l-appellati ma kienux waħedhom li kienu jisirqu l-laħam.

46. Din il-Qorti taqbel mal-Qorti tal-Maġistrati fis-sens li l-Prosekuzzjoni kienet marbuta li tipprova b'sikurezza li l-appellati jew min minnhom serqu l-laħam, kemm il-darba l-appellati jew min minnhom serqu laħam u l-valur wara kull darba li serqu l-laħam **<u>kull wieħed minnhom individwalment u separatament</u>**. Ir-responsabbilita penali hija personali u esklussiva għal kull ġudikabbli. Il-Prosekuzzjoni ma setgħetx tkun approssimattiva f'dan ir-rigward u titfa' lil kulħadd fl-istess keffa. Apparti minn hekk jirriżulta almenu sal-grad tal-probabbli li ma kienux l-appellati biss li kienu jew jisirqu l-laħam jew inkella jipparteċipaw fi skemi truffaldini li jinvolvu l-bejgħ ta' laħam preġjat lil ristoranti imħallas bi prezzijiet ta' laħam anqas preġjat.

47. Illi l-Prosekuzzjoni naqset milli ġġib prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ta' kemm il-darba l-appellati serqu laħam kif ukoll il-valur tal-laħam kollu li huma serqu individwalment u l-perjodu li fih l-appellati serqu l-laħam – apparti dakinhar tas-27 t'April 2016 meta inqabdu *flagrante delicto*. L-anqas ma josta l-fatt li huma wkoll ammettew li ma serqux biss laħam dakinhar, iżda għamlu dan fuq medda ta' xi xhur.

48. Minkejja dan il-Qorti tal-Maġistrati waslet għall-konklużjoni liberatorja minħabba l-fatt li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-istanzi, drabi u valuri tal-laħam misruq. Bid-dovut rispett lejn dik il-Qorti, ladarba rriżulta li l-ġudikabbli kkommettew serq, aktar u aktar jekk huma ammettew għal dan, huma kellhom jiġu misjuba ħatja ta' dak is-serq li l-valur tiegħu almenu jista' jiġi

attribwit għar-*res furtiva*, **u li tista' tiġi imputata lilhom b'mod sikur mill-atti tal-każ**. Veru li l-prova tar-*res furtiva* u l-valur attribwit lilha mill-eżerċiżżju li sar mix-xhud Jonathan Friggieri eżebit a fol 70 **ma tistax** tiġi meqjusa b'mod sikur li hija responsabbilita biss tal-appellati. F'dak li għandhom x'jaqsmu l-appellati il-prova l-aktar soda tal-valur tal-oġġetti misruqa li teżisti fl-atti **u attribwibbli lill-appellati** hija dik eżebita a fol 71 u 72.

49. L-eżerċizzju intrapriż minn Jonathan Friggieri, għalkemm interessanti, ma ġiex pruvat li huwa attribwibbli biss għall-azzjoni tal-appellati. Dan peress li ma hemmx prova li kienu l-appellati biss li kienu qegħdin jisirqu minn dan il-laħam minn dak l-istabbiliment. Anzi jirriżulta wkoll mix-xiehda ta' Francis Zarb li l-akbar valur ta' serq kien qiegħed isir ma' operaturi tar-ristoranti taħt modalita truffaldina differenti minn dik adoparata mill-appellati. Ma ġiex sodisfaċentement pruvat li kienu l-appellati li kkommettew il-parti l-kbira ta' dan is-serq ta' laħam lamentat mill-parte civile; għalkemm din il-Qorti ma għandhiex dubju li fuq medda ta' xhur kif mistqarr minnhom il-valur tal-laħam kien inġenti.

50. L-anqas ma dan l-eżerċizzju magħmul u eżebit a fol 70 ma jispjega kemm u f'liema miżura huwa attribwibbli għal min minnhom. Din ma tistax titqies li hija prova li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tqis sikura biex fuqha tkun tista ssib ħtija; u s'hemmhekk din il-Qorti taqbel mal-Qorti tal-Maġistrati. Fejn din il-Qorti ma taqbilx mal-Qorti tal-Maġistrati huwa dwar il-fatt li s-serq ġie ammess, li hemm

prova ta' quantum u valur tas-serq tal-laħam eżegwit fis-27 t'April 2016 u minkejja dan il-Qorti tal-Maġistrati, għar-raġunijiet imsemmija aktar il-fuq għażlet li ma ssibx ħtija fl-appellati.

51. Din il-Qorti hija sikura li l-appellati serqu kwantita ta' laħam, mhux biss dakinhar tas-27 t'April 2016, iżda wkoll fuq medda ta' xhur, u fi żmien meta kienu impjegati mal-parte civile – kif jirriżulta minn fol 40 u 55. Din il-Qorti għalhekk tqis li fuq il-bażi tal-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati kellha biżżejjed provi sikuri biex tkun tista' ssib ħtija fl-appellati li kkommettew is-serq, kwalifikat bil-persuna, iżda mhux bil-valur.

# *Deċide*

Għall-motivi premessi din il-Qorti tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali u konsegwentement tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata li permezz tagħha l-appellati Daren ELLUL u Paul Louis GAUCI ġew liberati u minflok, wara li rat l-Artikoli 17, 20, 31, 261(d), 268(d) u 281(a) tal-Kodiċi Kriminali issib lill-appellati Daren ELLUL u Paul Louis GAUCI ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontra tagħhom u tikkundanna : -

(a) lill-imsemmi Daren ELLUL għal perjodu ta' disa' (9) xhur priġunerija liema piena, b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, qegħda tiġi sospiża għal perjodu ta' sena mil-lum. Ai termini tas-subartikolu (4) tal-imsemmi Artiklu 28A tal-Kodiċi Kriminali din il-Qorti wissiet bi kliem ċar u li jinftiehem ir-responsabbilta tal-ħati taħt

l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

(b) lill-imsemmi Paul Louis Gauci għal perjodu ta' disa' (9) xhur priġunerija liema piena, b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, qegħda tiġi sospiża għal perjodu ta' sena mil-lum. Ai termini tas-subartikolu (4) tal-imsemmi Artiklu 28A tal-Kodiċi Kriminali din il-Qorti wissiet bi kliem ċar u li jinftiehem ir-responsabbilta tal-ħati taħt l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***